MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 36/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Charles Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Lulju, 2008, ghall-habta tal-16.45 hrs, gewwa z-Zurrieq,
1. hebb ghall-mara tieghu Rosemarie Spiteri w ikkagunalaha feriti hfief skond kif iccertifika Dr. D. Fenech, Reg. No. 2555, mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;
2. waqt li kien gewwa l-ghassa taz-Zurrieq, kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 339(1)(d), 221(1), 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant rabtet lill-

appellant b'garanzija tieghu nnifsu ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena, taht penali ta' hames mitt Euro (€500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- li dan kien wiehed mill-incidenti li martu - li hija mara pikuza - pprovokat u f' dal-kaz semplicement ghax l-appellant mar biex igorr *fan* minn kamra ghall-ohra. L-Ewwel Qorti, fl-apprezzament taghha, ma qisitx sewwa li l-appellant ma kellu proprju ebda raguni ghalfejn ihebb ghall-martu jew jikkagunalha feriti hfief. Illi jekk martu tixhed kif xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, ghandu jirrizulta li ma kien hemm ebda hebb minn naha tal-appellant, imma l-hebb kien minn-naha ta' martu, li, sabiex izzomm il-*fan,* tat daqqa bih lill-appellant. Inoltre, ma giex pruvat li gew kagjonati l-feriti hfief. Hemm anki diskrepanza dwar il-hin li jissemma fl-akkuza kemm ghal dak li jirrigwarda l-ewwel kif ukoll it-tieni imputazzjoni. Dwar il-piena, ma kienx il-kaz li l-Qorti torbot lill-appellant bil-garanzja meta wiehed jikkonsidra li martu qed tfittex kull okkazzjoni sabiex tipprovoka incidenti frivoli, bil-hsieb li tutilizza dawn is-sentenzi fi stadju ulterjuri fil-kawza tas-separazzjoni.

Qieset l-affidavit ta' PC 527 S. Camilleri, esebit fil-process.

Semghet ix-xiehda ta' Rosemarie Spiteri w tal-appellant;

Semghet it-trattazzoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-incident li ta lok ghal din il-kawza kien wiehed bejn il-konjugi Spiteri li bhal issa qeghdin f' nofs proceduri ta' separazzjoni. Fis-26 ta' Lulju, 2008, li kienet gurnata ta' shana, l-appellant mar biex jiehu fan minn kamra ghall-ohra god-dar konjugali . Rosemarie Spiteri oggezzjonat u pprovat tiggranfa l-fan u l-partijiet gew f' kuntatt ma xulxin.

Peress illi miz-zewg verzjonijiet moghtija dwar l-ewwel incident li sehh fid-dar tal-partijiet jidher li hemm konflitt fil-provi dwar kif sfat imwegga' Rosemarie Spiteri, w peress illi dwar it-tieni imputazzjoni l-istess Rosemarie Spiteri xehdet li fl-ghassa tal-Pulizija l-appellant la ggieled u bl-ebda mod ma kiser il-buon ordni imma kienet ommu, li akkumpanjatu, li ghamlet dan, l-akkuzi ma jidhrux sodisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w provvediment moghti ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------